Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Kulleġġ Maria Regina

Sena Skolastika 2015 / 2016

| Il-Ħames Sena | Il-Malti (Il-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

**L-isem:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

**Skola:** ______________________________

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

**Għall-istudent/a:**

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, l-isem tal-klassi u tal-iskola.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra

TAQSIMA A:

FEHIM MILL-QARI (Silta Qasira) (*10 Marki*)




*Maħruġ mill-Uffiċju Metereoloġiku ta' Ħal Luqa*

**Aqra sew it-tabella tat-tbassir tat-temp u mmarka b'sinjal (✓) fil-kaxxa taħt *veru* jew *falz*:** *(4 marki)*

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Hija possibbli maltempata bir-ragħad. | | |
| 2. | L-inqas temperature se tkun 15˚C. | | |
| 3. | L-ogħla temperatura se tkun 22˚C. | | |
| 4. | Il-Ħamis huwa t-28 ġurnata tax-xahar. | | |

**Agħżel it-tweġiba t-tajba mill-parentesi billi taqta' sing taħtha:**

*(3 marki)*

5. Dan it-tbassir tat-temp huwa għal (ġimgħa, sebat ijiem, ħamest ijiem).
6. Ir-riħ se jkun mix-Xlokk (il-Ħamis u s-Sibt, it-Tlieta u l-Erbgħa, l-Erbgħa u l-Ħamis)
7. Il-*UV Index* se jkun (varjat, dejjem l-istess, qed jonqos).



**Imla billi tikteb il-ġurnata:** *(3 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| 8. | Mistenni riħ forza 2 għal 3 (F2-3). | |
| 9. | Ir-riħ se jkun mill-majjistral. | |
| 10. | L-ogħla temperatura se tkun 22 $^{\circ}$C. | |

TAQSIMA B

FEHIM MILL-QARI (*30 Marka*)

L-ewwel oħroġ l-karta li jisimha **'Is-Sħab'** li qiegħda weħidha. Aqra s-silta sewwa, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.**

| | |
|---|---|
| | a) Illum in-nanna Gracie ... (par.1) |
| | hija mejta. |
| | marret tgħix m'omm l-awtur. |
| | marret vaganza. |

*(marka)*

| | |
|---|---|
| | b) L-awtur kien iqabbel is-sema ma'.... (par. 4) |
| | dragun b'denbu twil. |
| | *screen.* |
| | ktieb mimli stampi tal-annimali. |

*(marka)*

**2. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.** *(3 marki)*

a) Minn meta kien żgħir, l-awtur kien iħobb iħares lejn (is-sema, is-sajjetti, is-sħab).

b) L-aktar xahrejn li joffru smewwiet ikkuluriti huma (April u Mejju, Novembru u Diċembru, Mejju u Ottubru).

ċ) Il-frażi: **indendel il-geddum** (par.2) tfisser (ngħaddi ħin twil mimdud mal-art, nagħmel in-nervi, nobrox geddumi għax nitkaxkar).

**3. Imla l-vojt billi ssib il-kelma t-tajba minn din il-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(5 marki)*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| mimdud | ~~passatemp~~ | annimal | delizzju | sħab | interessanti |

L-awtur kellu l-<u>**passatemp**</u> hekk magħruf bħala *cloud watching.* Dan id-________________ huwa wieħed tassew sabiħ u tista' tgħid ma jiswa xejn. Kull ma jitlob hu li tintefa'________________ wiċċek 'l fuq, x'imkien barra u toqgħod tosserva l-forom tas-________________. Hekk wieħed jista' jkun kreattiv kemm irid waqt li jqabbel is-sħab ma' xi ________________, oġġett jew karattru fittizju. Jista' jkun ukoll li jitgħallem affarijiet ________________ dwar il-forom differenti u xi jfissru.

**4. Wieġeb fi kliemek dawn il-mistoqsijiet:**

a) Għaliex missier l-awtur kien ħadlu t-*tricycle* magħhom Ta' Qali? (par.1) *(marka)*

____________________________________________________________

b) Għaliex il-familja tal-awtur kienu ħasbuh li raqad?(par.1) *(marka)*

____________________________________________________________

ċ) X'kienu qagħdu jagħmlu l-awtur u n-nanna dakinhar waqt il-ħarġa? (par.3) (*marka)*

____________________________________________________________

d) Kif kien iħossu l-awtur f'dawk il-ġranet meta s-sema kienet tkun griża u mċajpra? (par.4) *(marka)*

____________________________________________________________

e) Liema kienu dawk l-erba' xhur li fihom l-awtur kien iħossu l-aktar kuntent? (par.4) *(2 marki)*

____________________________________________________________

f) X'kienet ix-xewqa kbira tal-awtur? (par.4) *(2 marki)*

____________________________________________________________

ġ) Taħseb li qatt seta' jaqta' xewqtu? Għaliex? *(2 marki)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**5. Imla l-vojt skont l-istruzzjonijiet tal-parentesi.** *(10 marki)*

Il-Ħadd li għadda, ______________ (*ikteb in-numru 7 fi kliem*) itfal minn _______ Dingli (*ikteb l-**artiklu** ta' dan il-post*) ftiehmu li jmorru ____________ (*daħħal in-nom minn **mexa***) fil-kampanja. Tul il-passiġġata, Dario qabad jiġbor xi _____________ (*plural ta' **ġebla***) żgħir. Huwa _________________ (*passat ta' **jispjega***) li dan kien wieħed mill- _________________ (*plural ta' **passatemp***) tiegħu. Kien iħobb josserva d-disinji tagħhom. Martina ________________ (*passat ta' **tieħu***) xi ritratti ta' kull __________________ (*singular ta' **friefet***) li rat, għax l-hena tagħha ________________ (*preżent ta' **studjat***) dawn l-insetti ________________ (*daħħal aġġettiv*). Fl-aħħar tad-dawra Kevin qasam kejk li kien ħema hu. Kemm huma sbieħ id-delizzji!

| TAQSIMA Ċ | IL-KITBA | (*20 Marka*) |
|---|---|---|

## 1. Kitba Qasira

*(3 marki)*

**Ikteb messaġġ lill-ħabib/ħabiba tiegħek biex tgħidlu/tgħidilha jiġu għandkom ħalli tipprattikaw il-passatemp tagħkom flimkien.**



- *Spjega fejn ser tiltaqgħu, il-ħin u x'għandkom bżonn.*
- *Fakkar lil ħabib/ħabiba tiegħek biex jitolbu permess mill-ġenituri tagħhom.*
- *Ikteb fil-qasir x'se toqogħdu tagħmlu.*





2A. Il-Kitba t-Twila *(17-il marka)*

*Ikteb bejn 100 u 150 kelma fuq wieħed minn dawn.*

*a.* Ġurnata xitwija b'ħafna maltemp u bla elettriku.
*(Dawn il-punti jistgħu jgħinuk)*

- *Il-maltemp ħassrilkom xi pjanijiet li jaf kellkom għall-ġurnata?*
- *X'iddeċidejtu li tagħmlu minflok sabiex tgħaddu l-ħin?*
- *X'għamiltu biex ikollkom ftit dawl?*
- *Kif taħseb li kienet il-ħajja fl-imgħoddi, fejn l-elettriku kien għadu ma ġiex ivvintat?*
- *X'tippreferi? Il-ħajja tal-lum bil-kumdità kollha tagħha jew is-sliem li ġġib magħha xi ġurnata bla elettriku?*
  *(kliem li jista' jgħinek fil-kitba tiegħek: ragħad, sajjetti, beraq, sħab, kenn)*

*b.* Ikteb djalogu bejn amorin ġo gaġġa u għasfur tal-bejt li jgħix fil-beraħ.



*(Dawn il-punti jistgħu jgħinuk)*



- *Ara li ż-żewġ għasafar jintroduċu lilhom infushom*
  - *Iqabblu l-ħajja tagħhom*
  - *Jitkellmu dwar fejn jgħixu, x'jieklu, x'jaraw u xi jħossu*
  - *Jirrakkontaw lil xulxin kif iqattgħu l-ġurnata.*

**ċ.** Ħares sewwa lejn dawn l-istampi.

Meta tkun ġurnata sabiħa, Paul jirnexxielu jagħmel dawn l-affarijiet kollha.
Ikteb storja dwar il-ġurnata ta' Paul **billi ssegwi l-istampi**.



**2B**. Spazju biex tagħmel il-pjan tal-komponiment. (*2 marki*)

Se nikteb fuq komponiment: __________ (Ikteb **a**, **b**, **ċ**) *(15-il marka)*

**Tmiem il-Karta**